**KunsillLokali –ISLA– Local Council**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali ISLA

# ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 11

25 **ta' Frar 2020**

Il-Kunsilli Lokali Isla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2/4, Triq San Ġużepp L-Isla, ISL1229, fil- 5:30pm.

**PREŻENTI:**

Clive Pulis - Sindku
Malcolm Gatt - Kunsillier
Corinne Buhagiar - Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJA ( Skont Ordni Permanenti 14A (3) ):**

Anthony Bonavia - Viċi Sindku
Joline Attard - Kunsilliera

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Graziella Gellel –Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**
Is-Sindku Clive Pulis ippresjeda din is-seduta Nru 10 għad-disa' leġislatura

| | |
|---|---|
| **11.1** | **Qari tal-ittri ta' apoloġiji** |
| | Is-Segretarju Eżekuttiv qrat l-ittri ta' apoloġiji tal-Viċi Sindku is-Sur Anthony Bonavia u il-kunsilliera is-Sinj. Joline Attard. |
| **11.2** | **Kunsiderazzjoni u Approvazjoni tal-Minuti** |
| 11.2.1 | Kopja tal-Minuti tas-seduta numru 10 tqassmet lill-kunsilliera permezz ta' imejl u ġew provduti kopji fuq il-mejda tas-seduta. |
| 11.2.2 | Il-Kunsilliera preżenti irċievew il-minuti tas-Seduta Numru 10, fejn ma kienx hemm korrezzjoni. Il-Minuti numru 10 ġew approvati mil-kunsilliera Corinne Buhagiar u ġew issekondti mil-kunsillier is-Sur Malcolm Gatt. |
| **11.3** | **Kommunikazzjoni mis-Sindku** |
| 11.03.01 | Is-Segretarju Eżekuttiv ikkomunikat mal-kunsilliera preżenti sabiex tispeċifika li l-approvazzjoni formali tal-kunsill biex issir ġemelaġġ mas-Serbia li l-lokalita hija Bella Palanka. Is-Segretarju Eżekuttiv reġgħet bagħtet imejl lid-dipartiment dwar il-ġemelaġġ mal-lokalita' ta' Bella Palanka fis-Serbia biex tara l-proċedura f'hix waslet. Is-Sinj. Lautier talbet l-approvazzjoni tal-kunsill għal dan il-ġemelaġġ għalhekk qed nerġa nikkonferma li l-Kunsill japprova dan il-ġemellaġġ. Il-kunsillier Malcolm Gatt ressaq mozzjoni li ġiet issekondata mill-kunsilliera Corinne Buhagiar, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ġemelaġġi bejn il-kunsill Lokali tal-Isla u s-Serbia fil-lokalita ta' Bella Palanka, bir-riżultat ikun favur nem. con. |
| 11.03.02 | Is-Sindku ikkomunika li nhar it-Tlieta 4 ta' Frar 2020 saret Press Conference mil-Ministru Ian Borg bl-isem *shore side electricity project* għal port kbir. Il-Viċi Sindku is-Sur Anthony Bonavia kien preżenti fin-nuqas tas-Sindku minħabba li ma kienx Malta. |
| 11.03.03 | Is-Sindku ikkomunika mal-kunsilliera preżenti li nhar l-Erbgħa 5 ta' Frar saret laqgħa oħra flimkien ma Nanniet Malta fejn is-suġġett kien l-Artirite u saret mil-President Mary Vella ta *Artirite Assocation.* |

| | |
|---|---|
| 11.03.04 | Is-Segretarju Eżekuttiv ikkomunikat mal-kunsilliera preżenti li mil -11 ta Frar 2020 sal- 14 ta Frar 2020 sar l-awditjar u s-Segretarju Eżekuttiv tal-kunsill preżentat ir-rapporti u d-dokumenti kollha meħtieġa mill-awdituri. |
| 11.03.05 | Is-Segretarju Eżekuttiv ikkomunikat mal-kunsilliera preżenti fil-11 ta' Frar 2020 saret l-evalwazzjoni tat-tender tal-Mixed House Hold Waste fejn ġie evalwat li r-rata ta' żewġ tenders huma ferm aktar mill-budget li kien rekwiżit mill-kunsill u t-tender l-oħra għalkemm kienet taħt il-budget tal-kunsill it-trakkijiet li kienu imniżlha fil-kuntratt ma kienux Euro 6. |
| 11.03.06 | Is-Sindku informa lil-kunsilliera preżenti li fid-19 ta Frar 2020, is-Sur Svetlick Flores talab aktar informazzjoni dwar *specifications* tekniċi biex jitniżżlu għal-kuntratt tal-*Open Gym* u *Play Area*. Is-segretarju eżekuttiv bagħtet lil Perit sabiex jibgħat aktar informazzjoni. Is-Sindku informa wkoll lilkunsilliera preżenti li fid-19 ta Frar 2020 ġewwa l-Kunsill saret laqgħa man-Nanniet Malta fejn kien mistieden il-Kelliem mill-kumpanija Waste Serv is-Sur Simon Curmi sabiex jispjega kif wieħed għandu jnaqqas l-iskart domestiku sabiex il-kunsill inaqqas u jtaffi mill-ispiża li jrid iħallas għal-piż tal-iskart. |
| 11.03.07 | Is-Segretarju Eżekuttiv ikkomunikat mal-kunsilliera preżenti li fid-19 ta' Frar 2020 kellha Laqgħa mas-Sur Adrian Mifsud ġewwa l-uffiċċini tal-Kunsill ta' Bormla fejn is-Segretarju Eżekuttiv kienet preżenti flimkien mas-segretarju eżekuttiv ta' Bormla u s-Sur Adrian Mifsud fejn intqal li l-kunsill irrid joħroġ €18,000 VAT għaliex fl-iskema tan-Norway Grants m'aċċetawx li jħalsu il-VAT. Id-Dipartiment bagħat diversi korrispondenza fejn hemm ċar li l-VAT trid tiġi imħalsa mill-kunsill jew NGO li japplika għal dawn il-fondi, il-kunsilliera qablu unanimament li mhux vijabli li japplikaw għal din l-iskema. |
| 11.03.08 | Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv attendew għal-laqgħa mal-arċipriet u l-Puluzija fl-uffiċċju tal-arċipriet fejn ġie diskuss ir-rottot tal-purċisjonijiet u servizzi tal-wardens sabiex jgħinu lil puluzija għax m'għandhomx puluzija biżżejjed. Is-Sindku informa lil kunsilliera li bagħat lit-TM sabiex ir-residenti jkollhomm aċċess biex jipparkjaw f'boilerwharf u bħas-snin ta' qabel il-kunsill irrid iqabbad security f'dawk il-ħinijiet u l-ġranet mitluba. |
| 11.03.09 | Is-Sindku ikkomunika mal-kunsilliera dwar laqgħa li kellu flimkien mas-Segretarju Eżekutttiv mas-Sinj. Elizabeth Aquilina mill FTZ sabiex jiddiskutu il-kumplament taż-żebgħa fuq il-bankijiet tax-xatt peress li inbiddel il-ministeru, is-Sinj. Eliżabeth infurmatna li x-xogħol ser jibqa' għaddej kif kien miftiehem. Is-Sindku kellem lis-Sinj. Elizabeth dwar il- |

| | |
|---|---|
| | vandaliżmu li qed issir fil-grawnd tal-ponta sabiex flimkien jaraw jekk hemmx xi soluzjoni. |
| 11.03.10 | Is-Segretarju Eżekuttiv ikkomunikat mal-kunsilliera preżenti li s-Sinjorina Petia Zacheva qed taħdem fuq l-applikazzjoni għal applikazzjoni Network of Towns EACEA -52-2019 li ser tagħlaq fl-4 ta' Marzu 2020. |
| 11.03.11 | Fl- 20 ta' Frar 2020 – Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera Corinne Buhagiar attendew għal-laqgħa mal-operatur tal-*application* dwar l-ilmenti sabiex jidħlu dirett fil-kunsill. Din hija ta €194.70 tal-programm u €59 VAT inklużа fix-xahar.<br>Il-Kunsilliera qablu dwar din l-applikazzjoni. Is-Sindku ikkomunika li ser issir konferenza stampa fl-4 ta' Marzu 2020 fid-9:30 am fejn ser ikun mistieden il-Ministru Jose Herrera u l-istudenti il-grupp tal-eko skola tal-iskola primarja tal-Isla Santa Margerita. |
| 11.03.12 | Is-Sindku ikkomunika mal-kunsilliera preżenti dwar l-attivita tal-Karnival li saret fil-21 ta' Frar 2020 fil-Pjazza 4 ta' Settembru u li kienet suċċess. Is-Sindku ikkomunika wkoll li l-Erbgħa 29 ta' Jannar 2020 kien preżenti għal Parlament tas-Sindki fejn id-diskors tiegħu kien fuq ir-riforma tal-Kunsilli lokali. Is-Sindku ikkomunika wkoll li nhar l-Erbgħa 29 ta' Jannar 2020 saret il-laqgħa tar-Reġjun tax-xahar ta' Jannar 2020 li għall din il-laqgħa s-Sindku kien preżenti. |
| 11.03.13 | Is-Sindku ikkomunika mal-kunsilliera dwar imejl li intbgħatet mir-Reġjun Xlokk fejn is-Sinj. Antonella Galea bagħtet l-Invoice ta Bin tal-loqgħom tas-sigaretti li ġie imtella' bil-polza bejn il-kunsilli tar-Reġjun u tela' l-Kunsill Lokali tal-Isla għalhekk bagħtet l-invoice sabiex il-Kunsill Lokali tal-Isla jħallas lil R.Squared u jiġi rimborsat mir-Reġjun wara li jkun lest il-pagament. Is-Sindku issuġġerixa li flok il-bins jitwaħħlu sħaħ jitwaħħlu nofs u nofs u b'hekk jolqot aktar toroq. Il-Kunsilliera qablu nem.com.<br><br>Is-Sinku ikkomunika li fl-24 ta' Frar 2020 ir-Reġjun Xlokk bagħat il-ħaddiema tar-Reġjun għal xahar fuq talba tal-kunsill sabiex titranġa l-letrina tax-xatt u fejn hemm il-bust J.B. Azopardo. |
| 11.03.14 | Is-Segretarju Eżekuttiv resqgħet imejl datata 25 ta' Frar 2020 fejn bagħtet żewġ inviti għall min irrid jattendi għal Fondazzjoni Nazareth fiż-Żejtun mill-11.00am il-quddiem il-Ħadd l-1 ta' Marzu u *Plan For Our Kids* fit-28 ta' Frar |

| | |
|---|---|
| | għall konferenza fis-*Seashell Resort -Poseidon Hall* minn 12:00 hrs sal-16:30. |
| 11.03.15 | Is-Segretarju Eżekuttiv resqgħet il-lista tal-permessi għal Redentur 20 ta' Marzu 2020, id-Duluri, il-Ġimgħa l-Kbira, l-Għid u r-Regatta għall-approvazzjoni tal-kunsill. Il-Kunsilliera qablu nem. Con. |
| 11.03.16 | Is-Sindku ikkomunika mal-kunsilliera preżenti dwar tifkira mogħtija lil Dejan Grech għar-rebħ tal-kampjonat Ewropew tal-pool V23. Il-Kunsilliera preżenti ferħulu għal dan is-suċċess u ħadu ritratt miegħu filwaqt li qalulu biex darb oħra jieħu rittrat mal-viċi sindku is-Sur Anthony Bonavia u l-kunsilliera is-Sinj. Joline Attard peress li illum kienu it-tnejn indisposti. |
| 11.03.17 | Is-Segretarju Eżekuttiv resqgħet proposta minn għand is-Sur Gerardo fejn jixtieq li jagħmel proġett għat-tfal mingħajr l-ebda flus sabiex jagħmel quiz fuq il-Geografija ta' Malta u tal-Itlaja, kull m'għandu bżonn huwa l-ispazju u nikkomunikaw mat-tfal u żagħżagħ sabiex jattendu għal din l-attivita. Hu jaħdem ħafna mal-Patrijiet tal-Kappuċċini tal-Kalkara u s-Selesjani ta Dun Bosco. Il-Kunsillier Malcolm Gatt qabel ma din l-attivita għat-tfal li issir għall-okażżjoni ta' Jum L-Isla u b'hekk it-Triq tingħalaq ġurnata sħiħa filgħodu għal-attivita tat-tfal u filgħaxija għal-kunċert. Is-sinjorina Corinne Buhagiar issekondat il-proposta tas-Sur Malcolm Gatt u s-Sinkdu s-Sur Clive Pulis approva. |
| 11.03.18 | Is-Sindku propona li għal Jum L-Isla minbarra l-kunċert li ser issir għal-okażżjoni ta Jum L-Isla fid-9 ta' Mejju 2020, jiġi ippublikat ktieb dwar toroq fuq l-Isla li l-awtur tiegħu is-Sur Fabian Mangion ma jrid l-ebda ħlas ta' dan il-ktieb. Inġabru żewġ kwotazzjonijiet waħda ta €1800 *plus* 5% VAT minn għand il-Best Print u l-oħra €2600______. Il-Kunsilliera Malcolm Gatt issekondah u l-kunsilliera Corrinne Buhagiar aprovat din il-pubblikazzjoni ta' interess u informazzjoni. |
| 11.03.19 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li l-perit tad-daħla tal-Isla ser jiċċekja dwar id-dawl tax-xatt ta' maċ-ċint li qatt ma xegħel peress li l-wires saru ħażin għaliex ġew mgħottija bil-konkos u mhux fi trinek apposta. |
| 11.03.20 | Is-Sinkdu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv infurmaw lil kunsilliera li fl-20 ta' Frar 2020 kellhom laqgħa mas-Sur Kenneth Brincat tal-Community |

| | |
|---|---|
| | Workers dwar il-ħaddiema u l-ħinijiet tagħhom. Is-Sur Kenneth Brincat qabel li Bradley Bonello u Nathan Bonello jaħdmu day in day out mit-8am sat-8pm u s-Sur Stephen Bonello jkun reliever fil-letrina waqt li jkompli xogħol tiegħu fil-knis tax-xatt, dawn ser jingħataw allowance ta €100 mingħajr VAT kull wieħed peress li jaħdmu Sibtijiet , Ħdud u l-Festi. Is-Sindku issuġġerixa li jinxtraw uniformijiet u safety shoes għal-ħaddiema. Il-Kunsilliera qablu nem. con. Is-Sindku ikkomunika mal-kunsilliera dwar imejls li bagħat għal leasing ta' magna tal-knis fejn il-kunsilliera qablu dwar dan sabiex meta tasal din il-magna jieħu ħsiebha Stephen Bonello u hu jkun responsabli ta' din il-magna f'każ ta' ħsara li tkun ikkawżata minn negliġenza. |
| 11.3.21 | Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv u Petia Zacheva iltaqgħu mal-konslu tal-Kroazja Dr. Juliana Ferrante sabiex jiddiskutu kif il-kunsill jilħaq kompromess ma Lepoglava sabiex issir festival kulturali fejn Malta wkoll tista tirrapreżenta x-xogħolijiet tal-bizzilla fejn Lepoglava huma magħrufa għal Bizzilla u huma rikonoxuti mill UNESCO. Is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet lil Dr. Ferrante x'jista jkun hemm komuni bejn dawn iż-żewġ lokalitajiet biex tara minn fejn nistgħu niksbu għajnuna mill-ministeru tal-kultura, ministeru tal-edukazzjoni u mill-ministeru tat-turiżmu. |
| 11.3.22 | Is-Sindku is-Sur Clive Pulis ikkomunika mal-kunsilliera preżenti li għadu qed jistenna l-awtoriżżazzjoni mid-dipartiment fuq Direct Order sabiex jinbeda x-xogħol fuq il-Pjazza 4 ta' Settembru. Is-Sindku issuġġerixha li jinxtraw żewġ bins oħra għall-pjazza li m'humiex inklużi fid-direct order u jitwaħħlu kif titlesta l-pjazza. Is-Sindku issuġġerixha wkoll li jinxtraw tlett bins oħra għall ħmieġ tal-klieb. Il-Kunsilliera Corinne Buhagiar u l-kunsillier Malcolm Gatt qablu ma dan is-suġġeriment. Qablu li l-bins tal-ħmieġ tal-klieb għandhom jitwaħħlu matul ix-xatt, faċċata tat-terrace houses u fejn issir it-tombla. |
| 11.3.23 | Il-Kunsilliera is-Sinj. Corinne Buhagiar issuġġerit li ssir website ġdida peress li din li hemm eżistenti hija antika, għalhekk ġabet kwotazjoni biex tikreja waħda ġdida għal-prezz ta' €4000 VAT inkluża, biex ma jkunx hemm piż fuq il-kunsill ħarġet bl-ideja li jinġabru fondi minn għand is-sidien tal-ħwienet u jkollhom reklamar għaddej fuq din il-website u b'hekk jinġabru l-fondi sabiex tinħoloq website ġdida u innovattiva. Is-Sindku is-Sur Clive Pulis u l-kunsillier Malcolm Gatt qablu ma din l-ideja għalhekk jistennew sakemm jinġabru dawn il-fondi. |
| **11.4** | **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera** |

| | |
|---|---|
| 11.4.1 | Ma kienx hemm. |
| **11.5** | **Rapporti** |
| 11.5.1 | I-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda rapport tal-*Purchase Order* għax-xahar ta' Jannar 2020 kif ukoll rapport tal-*Petty Cash* ta' Jannar 2020 fejn ġew approvati mill-kunsillier Malcolm Gatt u s-sekondat mis-Sinj. Corinne Buhagiar. |
| **11.6** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti** |
| 11.6.1 | Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda tal-Kunsill skeda ta' pagamenti, skeda Nru 2/2020 għall-approvazzjoni. |
| 11.6.2 | Fuq mozzjoni tal-Kunsillier is-Sur Malcolm Gatt issekondata mill-kunsilliera is-Sinj. Corinne Buhagiar approvaw il-pagamenti inklużi fl-iskeda ta' pagamenti li hi annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti. |
| **11.07** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.** |
| **10.07.1** | Is-Seduta ntemmet fis-7:30p.m. wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 16 ta' Marzu 2020 fil-5:30p.m. |

Konfermati, illum 16 ta' Marzu 2020

IFFIRMAT_____
Clive Pulis
Sindku

**IFFIRMAT**_____
Graziella Gellel
Segretarju Eżekuttiv